

32002L0071

22.8.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 225/21

## ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/71/KE

tad-19 ta' Awissu 2002

**li temenda l-Annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE rigward l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet ta' pestiċidi (formothion, dimethoate u oxydemeton-methyl) fi u fuq ċereali, prodotti ta' l-ikel ta' oriġini ta' l-annimali u ċerti prodotti ta' oriġini veġetali, inklużi frott u ħxejjex**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru ta' l-1976 li tirrigwarda l-iffissar ta' livelli massimi għall-fdalijiet ta' perstiċidi fi u fuq frott u ħxejjex <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/66/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 fuq l-iffissar tal-livelli massimi ta' fdalijiet ta' pestiċidi fi u fuq ċereali <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/66/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 2002 dwar l-iffissar ta' l-għola livelli ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini ta' l-annimali <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/66/KE <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 2002 dwar l-iffissar ta' l-għola livelli ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq prodotti ta' oriġini ta' pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/66/KE <sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) Fil-każ ta' ċereali u prodotti ta' oriġini veġetali inklużi frott u ħxejjex, il-livelli tal-fdalijiet jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi ta' pestiċidi neċessarji sabiex tiġi miksuba protezzjoni effikaċi tal-ħxejjex, applikati b'tali mod li l-ammont tal-fdalijiet ikun baxx kemm jista' jkun kif ukoll aċċettabbli tossikoloġikament, meħud kont b'mod partikolari tal-protezzjoni ta' l-ambjent u tal-kwantità stmata meħuda fl-ikel mill-konsumaturi dħul ta' dieta stmat tal-konsumaturi. Fil-każ ta' prodotti ta' l-ikel ta' oriġini ta' l-annimali, il-livelli tal-fdalijiet jirriflettu l-konsum mill-annimali ta' ċereali u prodotti ta' oriġini veġetali li huma trattati bil-pestiċidi u, fejn ikun il-każ, il-konsegwenzi diretti ta' l-użu ta' mediċini veterinarji. Il-livelli massimi ta' fdalijiet Komunitarji (LMF) jirrappreżentaw l-ogħla limitu ta' l-ammonti ta' tali fdalijiet mistennija li jinstabu fi prodotti ta' l-ikel meta jkunu ġew rispettati l-prattiki agrikoli tajba.

(2) L-LMF tal-pestiċidi għandhom jinżammu taħt reviżjoni u jistgħu jiġu mibdula sabiex jittieħed kont ta' informazzjoni u data ġdida. L-LMF jiġu ffixxati fil-limitu inferjuri ta' determinazzjoni analitika meta l-użu awtorizzat ta' prodotti għall-protezzjoni tal-ħxejjex ma jgħibux livelli li jidhru ta' fdalijiet ta' pestiċidi fi jew fuq prodotti ta' l-ikel, jew meta ma jkunx hemm użu awtorizzat, jew meta l-użu li jkun ġie awtorizzat minn Stati Membri ma jkunx ġie sostnut bl-informazzjoni meħtieġa, jew meta l-użu fi stati terzi li jgħibu fdalijiet fi jew fuq prodotti ta' l-ikel li jistgħu jidhru fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq Komunitarju ma jkunx ġie sostnut bl-informazzjoni meħtieġa.

(3) Fil-każ ta' *dimethoat* u *ossidemeton-metil* xi Stati Membri informaw lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jirrevedu l-LMF nazzjonali skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 90/642/KEE, fid-dawl ta' preokkupazzjoni dwar it-teħid mill-konsumatur. Ġew magħmula lill-Kummissjoni proposti għar-reviżjoni ta' l-LMF Komunitarji. Il-Kummissjoni kkonkludiet li jkun prudenti li jiġu modifikati xi LMF minħabba riskji possibbli għall-konsumaturi. Huwa importanti li l-miżuri addizzjonali ta' maniġment ta' riskju jiġu meħuda mill-Istati Membri sabiex jiproteġu b'mod adegwat lill-konsumatur. Għad-*dimethoat* u l-*ossidemeton-metil* jirrevedu l-awtorizzazzjoni-eżistenti l-Istati Membri għandhom jirrilanċjaw l-awtorizazzjoni awtorizzati in konformità ma' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/414/KEE <sup>(7)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/64/KE <sup>(8)</sup> sabiex l-użu awtorizzat ma jwasslux għal li jiġu maqbuża l-LMF.

(4) L-espożizzjoni tul il-ħajja intiera tal-konsumaturi għall-pestiċidi msemmijin f'din id-Direttiva permezz ta' prodotti ta' l-ikel għiet eżaminata u evalwata skond il-proċeduri u l-prassi tal-Komunità, meħud kont tal-linji ta' gwida pubblikati mill-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija. Huwa kalkulati li l-LMF ffixxati f'din id-Direttiva ma jwasslux għal li jiġi maqbuż it-teħid aċċettabbli ta' kuljum. Id-doża ta' kuljum ammissibbli (DKA) għall-*ossidemeton-metil* hija ta' 0,0003 mg/kg bw (JMPR 1989), id-doża akuta ta' riferiment (DAR) hija ta' 0,005 mg/kg bw, id-DKA għad-*dimethoat* hija ta' 0,002 mg/kg bw (JMPR 1996), id-DAR hija ta' 0,03 mg/kg bw.

<sup>(1)</sup> ĠU Nru L 340, 09.12.76, p. 26.<sup>(2)</sup> ĠU L 192, 20.7.2002, p. 47.<sup>(3)</sup> ĠU Nru L 221, 07.08.86, p. 37.<sup>(4)</sup> ĠU L 221, 7.8.1986, p. 43.<sup>(5)</sup> ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71.<sup>(6)</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.<sup>(7)</sup> ĠU L 189, 18.7.2002, p. 27.<sup>(8)</sup> Linji ta' gwida biex ibassru d-dħul dietetiku tar-residwi pestiċidi (riveduti), ippreparati mill-GEMS/Programm ta' l-ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

- (5) Fejn ikun il-każ, l-espożizzjoni akuta tal-konsumaturi għal dawn il-pestiċidi permezz ta' kull wieħed mill-prodotti ta' l-ikel li jista' jkun fih fdalijiet ta' dawn il-pestiċidi ġiet eżaminata u valutata in konformità mal-proċeduri u l-prassi tal-Komunità, meħud kont tal-linji ta' gwida pubblikati mill-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija. Ġie konkluż li l-preżenza ta' fdalijiet ta' pestiċidi fi jew taħt l-LMF proposti f'din id-Direttiva ma jikkawunawx effetti tossiċi akuti.
- (6) Għall-*formothion* ma ġiet mgħarrfa ebda utilizzazzjoni madwar id-dinja. Fl-assenza ta' informazzjoni biżżejjed dwar il-fdalijiet u t-tossikoloġija ikun xieraq, li jiġu stabbiliti l-Livelli Massimi ta' Fdalijiet għal *formothion* għall-prodotti kollha fil-Livell Inferjuri ta' Determinazzjoni Analitika.
- (7) Permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, is-sħab fil-kummerċ tal-Komunità ġew konsultati fuq il-livelli għall-*formothion*, *dimetoat* u l-*ossidemeton-metil* proposti f'din id-Direttiva u l-kummenti tagħhom fuq dawn il-livelli ġew meħuda in konsiderazzjoni.
- (8) Il-pariri tal-Kumitat Xjentifiku għall-*Ħxejjex* ġew meħuda in konsiderazzjoni, b'mod partikolari l-parir u r-rakkommandazzjonijiet tiegħu dwar il-metodoloġija għandha tiġi segwita għall-protezzjoni tal-konsumaturi ta' prodotti agrikoli ttrattati bil-pestiċidi.

- (9) L-Annessi għad-Direttivi 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati.
- (10) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

Fl-Anness II għad-Direttiva 76/895/KEE l-iskrizzjonijiet dwar id-“*dimetoat*”, l-“*ometoat*”, il-“*formothion*”, l-“*ossidemeton-metil*”, id-“*demeton-S-metil*”, u d-“*demeton-S-metilsulfon*” huma mħassra.

#### Artikolu 2

Fil-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE r-ringieli segwenti qed jiġu miżjuda:

Residwi tal-pestiċida	Livell massimu fi mg/kg
“Ossidemeton-metil (l-għadd ta' ossidemeton-metil u Dimetoat (l-għadd ta' dimethoate u ometoat espress Formothion	0,1 Xgħir u ħafur 0,02 (*) ċereali oħra 0,3 Qamħ, rye u tritcale, 0,02 (*) ċereali oħra 0.02 (*) ċereali

(\*) Jindika limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.”

#### Artikolu 3

Fil-parti B ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEE r-ringieli segwenti qed jiġu miżjuda:

Residwi tal-pestiċida	Livell massimu (mg/kg)		
	Ta' preparati ta' laħam, inkluż xaħam	Għall-ħalib u prodotti	Ta' bajd frisk mingħajr il-qoxra, għall-
“Ossidemetonmetil (l-għadd ta' ossidemetonmetil u demeton-S-metilsulfon espress bħala osside-metonmetil)	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)

(\*) Jindika limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.”

#### Artikolu 4

Il-livelli ta' fdalijiet massimi elenkati fl-Anness għal din id-Direttiva huma miżjuda jew jissostitwixxu dawk elenkati fl-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE għall-pestiċidi in kwistjoni.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2002. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Għandhom japplikaw dawk id-disposizzjonijiet b'effett mill-1 ta' Jannar ta' l-2003.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-disposizzjonijiet, huma għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif referenza bħal din għandha tkun magħmula.

*Artikolu 6*

Din id-direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Awissu 2002.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom l-LMF japplikaw	Fdalijiet ta' pestiċidi u livell ta' fdalijiet massimi (mg/kg)		
	Formothion	Ossidemetonmetil (l-għadd ta' ossidemetonmetil u demeton-S-metilsulfon espress bħala ossidemetonmetil)	Dimethoate (l-għadd ta' dimethoate u omethoate espress bħala dimethoate)
<b>1. Frott, frisk, immixxef jew nej, preżervat bl-iffriżar, blazokkor miżjud, lewż</b>		0,02 (*)	
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU	0,02 (*)		0,02 (*)
Trong (grapefruit)			
Lumi			
Lumiċell			
Mandolina (inklużi l-klementini u l-ibridi oħra)			
Larinġ			
Pomelos			
Oħrajn			
(ii) LEWŻ MINN SIĠAR (imqaxxar jew mhux imqaxxar)	0,05 (*)		0,05 (*)
Lewż			
Ġewż tal-Brażil			
Ġewż tal-cashew			
Qastan			
Ġewż ta' l-Indi			
Ġellewż			
Makadamia			
Pekans			
Lewż ta' l-arżnu			
Pistaċċi			
Ġewż			
Oħrajn			
(iii) FROTT TAL-POMÈ	0,02 (*)		0,02 (*)
Tuffieħ			
Lanġas			
Sfarġel			
Oħrajn			
(iv) FROTT TA' L-GĦADAM	0,02 (*)		
Berquq			
Ċirasa			1
Ħawħ (inkluż nektarini u ibridi simili)			
Ghambaqar			
Oħrajn			0,02 (*)
(v) KUKKU U FROTT ŻĠĦIR	0,02 (*)		0,02 (*)
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid			
Għeneb tal-mejda			
Għeneb ta' l-inbid			
(b) Frawli (mhux selvaġġ)			

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom l-LMF japplikaw	Fdalijiet ta' pestiċidi u livell ta' fdalijiet massimi (mg/kg)		
	Formothion	Ossidemetonmetil (l-għadd ta' ossidemetonmetil u demeton-S-metil-sulfon espress bħala ossidemetonmetil)	Dimethoate (l-għadd ta' dimethoate u omethoate espress bħala dimethoate)
(ċ) Frott tal-kannamieli (mhux selvaġġ)			
Tut			
Dewberries			
Loganberries			
Lampone			
Oħrajn			
(d) Frott żgħir ieħor u kukku (mhux selvaġġ)			
Qerqin (bilberries)			
Cranberries			
Passulina (ħamra, sewda, u bajda)			
Ribes (Gooseberries)			
Oħrajn			
(e) Kukku selvaġġ u frott selvaġġ			
(vi) MIXXELLANJI	0,02 (*)		
Avokado			
Il-banana			
Tamal			
Tin			
Kiwi			
Kumkwats			
Litchis			
Mangoes			
Żebbuġ			2
Frott tal-pasjoni			
Ananas			
Rummien			
Oħrajn			0,02 (*)
<b>2. Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżati jew imqadded</b>	0,02 (*)		
(i) ĦAXIX TA' L-GĦERUQ U TUBERI		0,02 (*)	0,02 (*)
Pitravi			
Karrotti			
Krafes ħoxnin			
L-għerq tal-mustarda			
Artiċokk			
Zunnarija			
Għeruq tat-tursin			
Ravanell abjad			
Salsafja			
Patata ħelwa			
Rapa svediza			
Nezew			
Jamm			
Oħrajn			

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom l-LMF japplikaw	Fdalijiet ta' pestiċidi u livell ta' fdalijiet massimi (mg/kg)		
	Formothion	Ossidemetonmetil (l-għadd ta' ossidemetonmetil u demeton-S-metil-sulfon espress bħala ossidemetonmetil)	Dimethoate (l-għadd ta' dimethoate u omethoate espress bħala dimethoate)
(ii) ĦAXIX TAL-BASLA Tewm Basal Basal abjad Kurrad Oħrajn		0,02 (*)	2 0,02 (*)
(iii) ĦAXIX LI JAGĦMEL IL-FROTT (a) Solanacea Tadam Bżar Brunġiel Oħrajn (b) Il-qoxra li tittiekkel tal-Cucurbits Ħjar Ħjar żgħir Qarabali Oħrajn (c) Il-qoxra li ma tittikilx tal-Cucurbits Bettieħ Lbieba tal-qara' Dulliegħ Oħrajn (d) Qamħirrum ħelu		0,02 (*)	0,02 (*)
(iv) ĦAXIX BRASSIKA (a) Ħaxix mir-razza tal-kaboċċi u n-nevew li tagħmel il-fjuri Brokkoli (inklużi Kalabrizi) Pastard Oħrajn (b) Ir-ras tal-ħaxix mir-razza tal-kaboċċi kaboċċa żgħira Ir-ras tal-kaboċċa Oħrajn (c) Tip tal-kaboċċi mwerqa Kaboċċa Ċiniża Kale Oħrajn (d) Kohlrabi		0,02 (*)  0,05 0,05 0,02 (*) 0,02 (*)  0,05	0,2 0,02 (*)  0,3 1 0,02 (*) 0,02 (*)  0,02 (*)
(v) ĦAXIX TAL-WERAQ U ĦWAWAR FRISKI (a) Ħassa u simili Krexxun Ħass tal-ħaruf Ħass Scarole (indivja b'weraq wesgħin) Oħrajn		0,05	0,5 0,02 (*)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom l-LMF japplikaw	Fdalijiet ta' pestiċidi u livell ta' fdalijiet massimi (mg/kg)		
	Formothion	Ossidemetonmetil (l-għadd ta' ossidemetonmetil u demeton-S-metil-sulfon espress bħala ossidemetonmetil)	Dimethoate (l-għadd ta' dimethoate u omethoate espress bħala dimethoate)
(b) Spinaċi u simili spinaċi Weraq ta' xitla tal-pitravi (l-ispeċi fl-ġeneru <i>Salvelinus</i> ) (chard) Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
(ċ) Krexxuni ta' l-ilma		0,02 (*)	0,02 (*)
(d) Witloof		0,02 (*)	0,02 (*)
(e) Ħxejjex aromatiċi Maxxita Kurrat selvaġġ Tursin Weraq tal-krafes Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
(vi) ĦXEJJEX TAL-LEGUM (friski) Fażola (bil-miżwet) Fażola (bla miżwet) Piżelli (bil-miżwet) Piżelli (bla miżwet) Oħrajn		0,02 (*)	1 0,02 (*)
(vii) ĦXEJJEX BIZ-ZOKK (friski) Asparagus Cardoons Krafes Bużbież Qaqoċċ Kurrat Rabarbru Oħrajn		0,02 (*)	0,02 (*)
(viii) FUNGI faqqieġh ikkultivat faqqieġh selvaġġ		0,02 (*)	0,02 (*)
3. <b>Ħaxix ta' l-imwieżet</b> Fażola Ġhads Piżelli Oħrajn	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
4. <b>Żerriegħa taż-żejt</b> Żejt tal-kittien Karawett Żerriegħa tal-peprin Ġulġliel Żerriegħa tal-ġirasol Iż-żerriegħa tal-kolza Mżiewed tas-soya Żerriegħa tal-mustarda Żerriegħa tal-qoton Oħrajn	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom l-LMF japplikaw	Fdalijiet ta' pestiċidi u livell ta' fdalijiet massimi (mg/kg)		
	Formothion	Ossidemetonmetil (l-għadd ta' ossidemetonmetil u demeton-S-metilsulfon espress bħala ossidemetonmetil)	Dimethoate (l-għadd ta' dimethoate u omethoate espress bħala dimethoate)
5. <b>Patata</b> Patata bikrija Patati taż-żerġha	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
6. <b>Té</b> (weraq niexef u zkuk, iffermentat jew mhux, <i>Camellia sinensis</i> )	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
7. <b>Hops</b> (xott), inklużi tal-ħops u trab mhux kkonċentrat	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)

(\*) Jindika limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.